# L-Omm meqjuma

*Minn Tony Terribile* *Ikompli mill-ħarġa tal-Festa 2004*

■ Fil-gżira Għawdxija l-qima lejn l-Immakulata bdiet fl-1615 meta l-Isqof Cagliares ta lil knisja ta' l-Assunta tal-Qala kwadru żgħir ta' l-Immakulata bil-ħsieb li jiddendel f'din il-knisja. Dan il-kwadru, impitter minn Federico Barocci kiseb mill-ewwel devozzjoni kbira u nies minn Għawdex kollu bdew jfittxuh għal qima speċjali u għalhekk dan sar magħruf bħala "Il-Madonna tal-Qala". Tant kibret malajr din id-devozzjoni, li sa l-1640 il-ħitan kollha ta' din il-knisja kienu miksija b'ħafna kwadri Ex Voto li kienu l-isbaħ xhieda tal-wegħdi u l-grazzji li qalgħu l-Għawdxin permezz ta' dan il-kwadru ta' l-Immakulata magħruf bħala "Il-Madonna tal-Qala".

Maż-żmien il-knisja tkabbret u l-qima lejn il-Kunċizzjoni ħarġet mir-raħal tal-Qala u xterdet ma' bosta irħula oħra fosthom fir-Rabat fejn inbniet knisja li maż-żmien kienet ġiet ipprofonata. Maż-żmien twaqqfu wkoll artali f'San Ġorġ, fix-Xewkija, fix-Xagħra, fin-Nadur u fiż-Żebbuġ iżda l-Kunċizzjoni "Tal-Qala" baqgħet f'qalb l-Għawdxin kollha, tant li fl-1954 il-kwadru ġie solennament inkurunat mill-Isqof Ġużeppi Pace.

Minkejja li għaddew is-snin, illum għandna nsibu bosta knejjes f'ġieħ Marija Immakulata. Barra ż-żewġ Parroċċi ta' Bormla u l-Ħamrun insibu wkoll knisja fil-Furjana imsemmija għall-kavallier Portugiż Fra Martino de Sarria. Dan kien bniha wara l-pesta ta' l-1676 u sa llum nhar il-Kunċizzjoni għada ssir purċissjoni votiva mill-belt għal din il-knisja bħala radd il-ħajr lil Marija Immakulata għall-interċessjoni tagħha fil-gwaj tal-pesta ta' l-1676. Knisja oħra nsibuha f'Ħal Lija mibnija fl-1647 minn Domenico Agius. Hi waħda mill-knejjes guspatronati li nsibu fil-gżejjer tagħna. Fil-wied magħruf bħala Wied Qannotta fil-Mellieħa nsibu knisja tal-Kunċizzjoni li din kienet inbniet fl-1736 flok oħra aktar qadima u fiha fl-imgħoddi, kienet tiġi ċċelebrata l-festa tat-8 ta' Diċembru. Knisja oħra nsibuha fil-Mosta fl-inħawi magħrufa bħala "Tal-Blat" li din kienet inbniet minn Bartilimew Busuttil. Fin-Naxxar insibu knisja oħra tal-Kunċizzjoni imexxija mis-sorijiet Dumnikani. Hi knisja li tmur lura lejn is-seklu tmintax. Waħda mill-knejjes li kien żar Monsinjur Duzina fl-1575 u li kienet magħrufa bħala "Tas-Sokkors" kienet dik li kienet mibnija fid-daħla ta' l-Imsida u li fl-imgħoddi kienet għar imħaffer fil-blat. Għamlet żmien ipprofonata iżda fl-1636 reġgħet infetħet mill-ġdid u fiha, fl-1867, twieldet il-Parroċċa ta' l-Imsida. Fir-Rabat insibu tlett knejjes tal-

Kunċizzjoni. L-ewwel waħda tinsab "fis-Suq" u hi magħrufa bħala "Ta' Settifika" u li inbniet fis-seklu tmintax. Fl-istess żmien inbnew tnejn oħra waħda fl-inħawi tal-Buskett u l-oħra fl-inħawi ta' Wied Gerzuma. Din kienet inbniet fl-1731 mill-Gran Mastru Manoel Vilhena u kienet tagħmel parti mill-fondazzjoni Paola. Knisja oħra tal-Kunċizzjoni insibuha fil-bajja ta' Spinola. Din bdiet tinbena fl-1688 bi spejjes il-prijur Raffaele Spinola. Hi knisja oħra li għada wieqfa sa llum.

L-ewwel devozzjoni lejn l-Immakulata f'Ħaż-Żebbuġ kienet permezz ta' artal iżda maż-żmien f'dan ir-raħal inbniet knisja. Din telgħet fis-seklu sbatax bi spejjeż Giovanni u ibnu Dun Ġwann Pawl Azzopardi u bi żmien din bdiet tiġi magħrufa bħala "Ta' Sciamardi".

Fl-inħawi tan-Nigret iż-Żurrieq insibu knisja oħra tal-Kunċizzjoni mibnija fis-seklu tmintax mill-kavallier Fra Giacomo Tugores Vallensuola. Illum din il-knisja hija fdata f'idejn is-Sorijiet Ulied il-Qalb ta' Ġesù. Barra dawn il-knejjes insibu wkoll bosta artali f'ġieħ l-Immakulata f'bosta mill-knejjes tagħna.

*Ikompli f'ħarġa oħra tal-Fuljett Parrokkjali.*

FRANCIS PISCOPO
Steelworks

FOR ALL TYPES OF WROUGHT IRON WORKS, GARAGE DOORS, STAIRCASES & MANY OTHER STEEL WORK ITEMS

FRANCIS PISCOPO STEELWORKS

N/S off Handaq Road
Handaq - QRM08
Tel: 21 485471
Mobile: 9949 5385
Email: psw@nextgen.net.mt

